**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 198/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Malone Debono**
**(ID 373088(M))**

**DENUNZJA**

**Illum, 29 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat illi **Malone Debono**, iben Carmel u Veronica nee` Grech, imwieled il-Pieta` nhar it-12 ta' Awwissu 1988 u residenti ġewwa Flat 2, Triq Mahatma Gandhi, Qasam Bini tal-Gvern, Block C4, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 373088(M), kien ġie mressaq quddiem din il-Qorti, akkużat talli fit-12 ta' April 2016 ġewwa Millenium Strategi Nail Studio fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara għall-ħabta tas-1.30 a.m.:

a) Ikkommetta serq bi sgass ta' diversi prodotti u aċċessorji mill-imsemmi ħanut, liema serq hu aggravat **bil-mezz, bil-ħin u bil-valur**;

b) Volontarjament ikkommetta ħsara fl-imsemmi ħanut;

c) U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. E. Grima LL.D., liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tagħha fir-rigward tal-istess **Malone Debono** tal-**14 ta' Lulju 2020**, permezz ta' liema sentenza, wara li rat l-Artikoli 17(h), 20, 31, 40(b)(ii), 49, 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270, 278(1), 278(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' **ħmistax-il xahar priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġiet sospiża għal żmien tliet (3) snin mid-data tal-istess sentenza**.

In oltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħdet lill-ħati taħt **Ordni ta' Superviżjoni**, bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni, liema Ordni kellu jibqa' fis-seħħ għal żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, il-konsegwenzi legali kemm il-darba huwa jikkommetti reat punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża, kif ukoll l-effetti kollha tal-Ordni ta' Superviżjoni.

Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jinħatar Uffiċjal Sorveljanti li jissorvelja lill-ħati.[1]

Rat in-nota tas-*Senior Probation Officer* Carmen Nygaard tas-26 ta' Awwissu 2020, li permezz tagħha avżat lil din il-Qorti illi **l-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud** ġiet nominata bħala Uffiċjal Sorveljanti fil-konfront ta' Malone Debono, skont is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2020[2];

Rat in oltre r-rikors tal-Uffiċjal Sorveljanti Maria Mifsud ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-**4 ta' Jannar 2021**, li permezz tiegħu għamlet denunzja ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u nfurmat lill-Qorti illi Malone Debono:

i) naqas milli jżomm f'kuntatt mal-Uffiċju u mal-Uffiċjal tal-*Probation* skont id-direttivi mogħtija lilu;

ii) qed jabbuża mid-droga kokaina kif ġie stabbilit fl-aħħar kampjun tal-urina li ttieħed ġewwa l-Uffiċju tal-*Probation* u *Parole*;

[1] Ara s-sentenza a fol. 173 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol. 182 tal-proċess.

iii) naqas milli jagħmel kuntatt mal-Caritas jew Sedqa hekk kif iggwidatu l-Uffiċjal tal-*Probation*;

iv) Malone Debono mhux qed jaħdem f'impjieg regolarizzat.[3]

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Jannar 2021, li permezz tiegħu *inter alia* ordnat in-notifika tar-rikors odjern lid-denunzjat u appuntat id-denunzja għas-smigħ għall-25 ta' Jannar 2021[4];

Semgħet diversi drabi x-xhieda bil-ġurament tal-Ufficjal Sorveljanti Maria Mifsud;

Semgħet ix-xhieda prodotta mid-difiża;

Rat ukoll illi b'rikors tad-denunzjat ta' nhar is-7 ta' Novembru 2022, huwa talab lil din il-Qorti sabiex tisma' mill-ġdid lill-Uffiċjal tal-*Probation* u dan peress illi skont hu għamel sforz sostanzjali, liema talba ġiet miċħuda minn din il-Qorti bid-digriet tagħha tas-17 ta' Novembru 2022 u dan għar-raġunijiet hemmhekk indikati;[5]

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, kemm fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2022, kif ukoll f'dik tal-20 ta' Jannar 2023.

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda tal-Uffiċjal Sorveljanti Maria Mifsud tal-**25 ta' Jannar 2021**, jirriżulta illi għalkemm qabel is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Lulju 2020, id-denunzjat kien qed jaħdem, jattendi l-appuntamenti lilu mogħtija u anke jżomm komunikazzjoni mal-Uffiċjal Sorveljanti, wara s-sentenza s-sitwazzjoni nbidlet b'mod drastiku, b'tali mod illi d-denunzjat qata' l-kuntatt mal-Uffiċjal Sorveljanti, apparti li spiċċa mingħajr impjieg u fil-11 ta' Diċembru 2020, irriżulta fil-pożittiv għad-droga kokaina. Jirriżulta illi ftit tal-jiem wara d-denunzja, l-Uffiċjal Sorveljanti ġiet infurmata minn oħt id-denunzjat illi kienet ħadet lill-istess denunzjat ġewwa ċ-Ċentru tad-*Detox,* kif ukoll ġewwa l-Aġenzija Sedqa. Sussegwentement, ġie kkonfermat lilll-Uffiċjal Sorveljanti minn Dr. Joseph Tonna, tabib fi ħdan id-*Detox*, illi kien qed isir tentattiv sabiex id-denunzjat jidħol ġewwa Dar l-Impenn fi Frar 2021.[6]

---

[3] A fol. 183 tal-proċess.
[4] A fol. 184 tal-proċess.
[5] A fol. 238 u 239 tal-proċess.
[6] A fol. 188A *et seq* tal-proċess.

Wara din ix-xhieda, l-Uffiċjal Sorveljanti ntavolat nota fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-**18 ta' Frar 2021**, li permezz tagħha nfurmat lill-Qorti illi fis-27 ta' Jannar 2021, id-denunzjat daħal ġewwa Dar l-Impenn għal disintossifikazzjoni u illi l-pjan kien li d-denunzjat jiġi allokat *social worker* min-naħa tal-Aġenzija Sedqa. In oltre huwa attenda għal żewġ appuntamenti mal-Uffiċjal Sorveljanti u fit-12 ta' Frar 2021, irriżulta fin-negattiv għal sustanzi illeċiti.[7]

Fix-xhieda tagħha tal-**10 ta' Novembru 2021**, l-Uffiċjal Sorveljanti xehdet illi l-aħħar appuntament li kien attenda għalih id-denunzjat kien fl-4 ta' Awwissu 2021, u wara dakinhar m'attendiex għall-appuntamenti mogħtija lilu għall-24 ta' Awwissu 2021, 3 ta' Settembru 2021, 10 ta' Settembru 2021, 29 ta' Settembru 2021, 7 ta' Ottubru 2021, 14 ta' Ottubru 2021, 22 ta' Ottubru 2021 u 29 ta' Ottubru 2021, u dan mingħajr ma ngħatat raġuni. Tixhed ukoll illi fil-frattemp hija kkomunikat mal-familjari tad-denunzjat li qalulha li d-denunzjat kien qiegħed ħażin ħafna u li kien qed juża d-droga. Tixhed in oltre illi kien hemm ukoll denunzji oħrajn pendenti quddiem qrati oħra fil-konfront tal-istess denunzjat. Id-denunzjat lanqas ma kien qed jikkomunika mal-Aġenzija Sedqa jew Caritas fir-rigward tal-problema tad-droga.[8]

Fix-xhieda tagħha tal-**14 ta' Diċembru 2021**, l-Uffiċjal Sorveljanti xehdet illi kien hemm żviluppi pożittivi u dan fis-sens illi fis-16 ta' Novembru 2021, id-denunzjat daħal ġewwa l-isptar Monte Karmeli sabiex jieħu l-kura kontra d-droga. Fit-30 ta' Novembru 2021, ġewwa l-*Female Dual Diagnosis Unit*, fejn kien qed jinżamm, id-denunzjat deher kuntent u wera x-xewqa li jidħol ġewwa programm residenzjali fi ħdan l-Aġenzija Caritas, b'dan għalhekk illi kien qed jiġi formulat pjan sabiex dan iseħħ.[9]

B'nota tal-Uffiċjal Sorveljanti tal-**4 ta' Marzu 2022**, madankollu, il-Qorti ġiet infurmata illi minkejja li d-denunzjat ġie riferut ġewwa l-programm residenzjali ta' San Blas fit-13 ta' Jannar 2022, fit-28 ta' Frar 2022 huwa ddeċieda li jitlaq u dan għaliex skont hu, minħabba l-kundizzjoni tiegħu, ħass li ma setax ilaħħaq mar-residenti tal-programm u dan minkejja li f'ħafna mis-sessjonijiet li kienu jsiru, huwa kien megħjun minn interpretu tal-lingwa tas-sinjali. In oltre l-Uffiċjal Sorveljanti kienet qed toffri sessjonijiet lid-denunzjat anke ġewwa l-istess programm. Għalhekk dan il-pjan ta' kura sfaxxa. Il-pjan ta' kura wara li telaq mill-programm kien illi

---

[7] A fol. 189 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda a fol. 191 tal-proċess.
[8] A fol. 206 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol. 213 *et seq* tal-proċess.

huwa jattendi għall-sessjonijiet ġewwa l-*Outreach*, Caritas, u jkompli sessjonijiet mat-terapista fi ħdan l-Aġenzija Caritas.[10]

Fix-xhieda tagħha tal-**24 ta' Mejju 2022**, l-Uffiċjal Sorveljanti tixhed illi d-denunzjat kellu ħames denunzji pendenti. Tixhed in oltre illi kienet ġiet infurmata illi fit-8 ta' April 2022, id-denunzjat ġie arrestat dwar serq aggravat, daħal il-ħabs u hemmhekk irriżulta fil-pożittiv għall-eroina u għall-kokaina. Fi kliem l-Uffiċjal Sorveljanti matul din ix-xhieda tagħha: "*Ingħata diversi għajnuna minn diversi professjonisti, inkluż kull qorti li deher quddiemha. Biss, fl-aħħar mill-aħħar trid tiġi minnu li jrid ikollu l-motivazzjoni jagħraf li għandu l-problema tad-droga sabiex eventwalment ikun jista' jindirizza din il-problema tad-droga*"[11].[12]

Fis-seduta tal-**14 ta' Ġunju 2022**, **Gabriella Buttigieg**, assistenta psikologa ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi xehdet illi hija kienet qegħda ssegwi lid-denunzjat ġewwa l-Aġenzija bl-iskop li jitħejja pjan ta' kura u dan stante li d-denunzjat kellu problema tad-droga. Irriżulta fil-fatt illi d-denunzjat instab pożittiv għad-droga meta daħal il-ħabs. Skont ix-xhud, id-denunzjat wera interess li eventwalment jattendi programm fi ħdan l-Aġenzija Sedqa, għalkemm dan ma kienx possibbli f'dak l-istadju stante illi ma kienx sentenzjat.[13]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti hija sodisfatta illi l-imsemmi **Malone Debono** naqas li jikkonforma ruħu mal-ħtiġiet tal-Ordni ta' Superviżjoni, u dan mhux biss għaliex matul il-perjodu tal-Ordni ta' Superviżjoni, kien hemm perjodu fejn l-istess Debono naqas milli jżomm kuntatt mal-Uffiċjal Sorveljanti skont l-istruzzjonijiet li huwa ngħata, iżda anke għaliex naqas milli joqgħod mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal Sorveljanti billi jibda u jkompli programm ta' rijabilitazzjoni sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga, fit-termini tal-Ordni ta' Superviżjoni, u lanqas ma kien qed jikkonsulta mal-professjonisti li ġew riferuti lilu mill-Uffiċjal Sorveljanti.

Illi mill-provi prodotti fil-fatt jirriżulta illi d-denzunzjat ġie hekk denunzjat mill-Uffiċjal tal-*Probation* mhux inqas minn ħames darbiet u li saħansitra finalment spiċċa miżmum taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' każ ġdid. Il-Qorti tosserva illi għalkemm jidher illi kien hemm żmien li fih id-denunzjat deher li kien qiegħed juri grad ta' mpenn favur ir-riforma u r-rijabilitazzjoni tiegħu, billi finalment daħal

---

[10] Ara a fol. 215 A tal-proċess u a fol. 217 *et seq* tal-proċess.
[11] A fol. 224 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 222 *et seq* tal-proċess.
[13] A fol. 228 *et seq* tal-proċess.

ġewwa programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga, dan l-impenn ma kienx wieħed sodisfaċenti u qajla jista' jingħad illi juwa għamel xi sforz sostanzjali sabiex jirriforma u jirrijabilita ruħu. Jirriżulta fil-fatt illi minkejja li kien hemm żmien li fih d-denunzjat deher li kien qed isegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal Sorveljanti u l-pjan ta' kura li ġie mfassal għalih, dan kien żmien tassew qasir, u mill-bqija huwa għażel minflok illi jonqos, mingħajr raġuni, milli joqgħod ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, milli jżomm l-appuntamenti li kienu ġew ffissati għalih u li jsegwi kif mistenni l-pjan ta' kura, u dan minkejja illi fid-dawl tal-kundizzjoni tiegħu, l-Uffiċjal Sorveljanti għamlet minn kollox sabiex toffri assistenza, issegwi u tagħti direzzjoni lid-denunzjat bl-għajnuna ta' nies speċjalizzati. Huwa evidenti għalhekk illi minkejja l-varji opportunitajiet li ngħata d-denunzjat, kemm minn din il-Qorti – u dan anke oriġinarjament fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 2020 meta ġiet biex teroga l-piena fir-rigward tar-reati li dwarhom id-denunzjat ingħata sentenza ta' priġunerija sospiża abbinata ma' Ordni ta' Superviżjoni, kif ukoll fil-mori ta' dawn il-proċeduri ta' denunzja, li l-Qorti baqgħet tismagħhom fuq perjodu ta' kważi sentejn, bit-tama illi d-denunzjat jagħraf itejjeb l-andament tiegħu – kif ukoll minn qrati oħrajn warajha u dan kif evidenti wkoll mis-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021 esebita fl-atti u anke mill-fatt illi mill-istess sentenza jirriżulta wkoll illi nhar il-21 ta' Jannar 2021, id-denunzjat tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation*, huwa għażel li ma jużufruwix ruħu minn dawn l-opportunitajiet u baqa' għaddej kif kien, bi ksur lampanti tal-ordnijiet imposti fuqu.

Il-Qorti tqis illi dan in-nuqqas huwa tali, illi fit-termini tal-Artikolu 28G(9) tal-Kodiċi Kriminali, huwa serju biżżejjed li jimmerita li s-sentenza sospiża li fiha sar l-Ordni ta' Superviżjoni, tibda sseħħ.

F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversement preseduta tal-10 ta' Ġunju 2021, li permezz tagħha ġiet estiża s-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Lulju 2020. Fir-rigward tqis illi minkejja li bis-sentenza msemmija tal-10 ta' Ġunju 2021, wara li d-denunzjat instab ħati tar-reati mertu tal-istess sentenza, il-Qorti trattat miegħu fit-termini tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kodiċi Kriminali dwar il-ksur tas-sentenza sospiża tal-14 ta' Lulju 2020, billi ġie ordnat illi din terġa' tibda tiddekorri mill-ġdid, madankollu ma jirriżultax mill-atti illi din is-sentenza sospiża qatt bdiet isseħħ. Għalkemm hawnhekk si tratta ta' denunzja fit-termini tal-Artikolu 28G(9) tal-Kodiċi Kriminali u mhux ta' ħtija ta' reat li sar matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża, b'analoġija mal-Artikolu 28B(1) tal-istess Kapitolu, il-Qorti tqis illi la darba ma jirriżultax illi s-sentenza sospiża bdiet isseħħ, tista' hija stess tordna li tali sentenza tibda sseħħ fit-termini tal-Artikolu 28G(9) tal-imsemmi Kapitolu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28G(9) tal-Kodiċi Kriminali, hija sodisfatta illi d-denunzjat **Malone Debono** naqas milli jikkonforma ruħu mal-ħtiġiet tal-Ordni ta' Superviżjoni mposta fuqu bis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 2020, u għaldaqstant tordna li s-sentenza sospiża (ta' ħmistax-il xahar priġunerija) mogħtija fil-proċeduri li ntemmu bis-sentenza tagħha fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Malone Debono' fid-data msemmija u li fihom sar l-Ordni ta' Superviżjoni mertu ta' din id-denunzja, tibda sseħħ.

L-Ordni ta' Superviżjoni mertu tal-istess sentenza għandu għalhekk jieqaf milli jibqa' fis-seħħ.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jieħu konjizzjoni tagħha.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur